# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Leeroy Balzan Engerer]**

**vs**

**Michelle Cassar**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Michelle Cassar** detentrici tal-karta tal-identita' numru 285483M:

Akkuzata talli fl-14 ta' April 2019 u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:-

1. Bil-hsieb li testorci flus jew xi hag'ohra, jew li taghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, heddedt li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil John Farrugia Randon persuna ohra
**Artikoli 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. Uzat vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel li xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew tizola tali persuna jew tillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg
**Artikoli 251 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

3. Gabet ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra jew gabet ruhha b'mod li tkun taf jew kienet missa tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna
**Artikoli 251A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Din l-Onorabbli Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' John Farrugia Randon, jew ghaz-zamma tal-ordni

pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mtiluba li f'kaz ta' htija min barra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Mejju 2019 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat fastidju u tentattiv ta' estorsjoni mill-imputata u l-ex ragel taghha John Farrugia Randon u dan minhabba wild minuri li hemm bejniethom.

Illi mix-xhieda ta**l-<u>Ispettur Leeroy Balzan Engerer</u>** fejn ikkonferma r-rapport tal-parte civile fuq l-ex siehba tieghu Michelle Cassar li din kienet kontinwament tiffastidjah permezz ta' messaggi fuq l-access ta' binthom minuri. Jghid li kien hemm messagg ukoll fejn allegatament l-imputata thedded lill-parte civile li kienet ser iddahhlu l-Qorti jew tarrestah jekk ma jaghtihiex kura u kustodja tat-tifla taghhom. Dan kien fid-disa' (9) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019).

Rat id-dokumenti inkriminanti esebiti bil-gurament mis-**<u>Surgent Kenneth Scicluna</u>** li gew immarkati bhala Dokumenti KS1, KS2 u KS3.

Xehed ukoll il-parte civile **<u>John Farrugia Randon</u>** fejn huwa kkonferma illi l-imputata kienet ilha tibghatlu eluf ta' messaggi u *emails* fejn huwa kien ha *screenshot* taghhom u kien ghaddiehom lill-pulizija meta kien mar jaghmel ir-rapporti. Jghid illi f'messagg minnhom l-akkuzata

Michelle Cassar kienet ukoll hedditu illi jekk ma jaghtihiex kura u kustodja tat-tifla minuri taghhom hija kienet ser taghmel mezz biex jigi arrestat u li jhallas xi multa. Huwa jghid illi l-messaggi mblukkahom izda l-*emails* u tghajjir fil-konfront tieghu lit-tifla taghhom ma waqfux. Sahansitra kien hemm diversi konverzazzjonijiet telefonici li juru dan it-tghajjir li gie pprezentat mill-istess xhud permezz ta' *usb* (Dok JFR1 u JFR2).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**<u>Reat ta' estorsjoni</u>**

Illi l-ewwel (1) imputazzjoni fil-konfront tal-imputata hija dik tal-estorsjoni sancita taht l-Artikolu 250 tal-Kodici Kriminali li jistipula is-segwenti:

> *"(1) Kull min, bil-hsieb li jestorci flus jew xi ħag'ohra, jew li jagħmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi ħaga, ihedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sena sa erba' snin."*

Illi l-allegat kliem inkriminanti emanew minn serje twila ta' messaggi li l-imputata baghtet lill-parte civile; liema messaggi ma gewx ikkontestati mid-difiza; fejn fosthom qalet il-kliem a folio 101 tal-process *"If you agree to full custody ... easily ... i can and will.avoid you beiny.arrested ... in jail ... heavily fined ... shamed ... think about it ... pray ... i know i did .. kiss to my precious ... she tells me when you forget .. haha ... to tell her ... she knows all ... peace out".*

Illi din il-Qorti qrat il-messaggi kollha li l-imputata baghtet lill-parte civile f'dik l-okkazjoni u ghalkemm qed tghid illi kliem bhal li ser tevitalu li jigi arrestat, immultat ecc., jekk ma jaghtihiex il-kustodja tat-tifla, mill-assjem tal-messaggi hareg profil ta' mara li ma kinitx qieghda f'stabbli psikologikament. Dan qed jinghad ghaliex taqra kemm taqra dawn il-messaggi, ma tantx jaghmlu sens ghal persuna estranja ghall-fatti u l-anqas biss tista' tiehu konjizzjoni ta' dak li realment riedet tfisser. Illi ghalhekk b'dan kollu juri illi l-imputata, meta kienet qieghda tibghat il-messaggi, ma kellhiex il-*mens rea* sabiex tikkommetti dak it-tip ta' delitt ta' estorsjoni u ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif dan ir-reat ghandu jissussisti fil-konfront tal-imputata. Illi di piu' tali tentattiv ta' estorsjoni ghandu jkun wiehed li l-parti leza temmen li verament

il-perpetratur ikun jista' u kapaci jwettaq li certament dan il-fatt ma giex ippruvat.

**<u>Reat ta' vjolenza psikologika</u>**

Illi t-tieni (2) akkuza fil-konfront tal-imputata Michelle Cassar huwa dan ir-reat sancit mill-Artikolu 251(1) tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

> *"(1) Kull min juza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel li xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi ħaga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jizola tali persuna jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jehel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-ahhar artikolu qabel dan."*

Illi x'inhi ezatt id-definizzjoni ta' vjolenza morali ftit li xejn issib fil-gurisprudenza Maltija izda f'dik Taljana giet ampjament ikklassifikata bhala:

> *D'altra parte è stata proprio la lettura costituzionalmente e convenzionalmente orientata*

*del delitto in esame, fornita dalla giurisprudenza di legittimità, ad avere evitato l'obbligo dello Stato di adeguare il nostro ordinamento alla Convenzione di Istanbul per perseguire la violenza nei confronti delle donne in contesto familiare. In questi termini si è espresso lo stesso Grevio (Gruppo di esperte del Consiglio d'Europa incaricato di monitorare l'attuazione della Convenzione di Istanbul da parte degli Stati membri che la hanno sottoscritta) che nel primo Rapporto sull'attuazione della Convenzione di Istanbul da parte dell'Italia (presentato il 13 gennaio 2020), a legislazione sostanzialmente invariata sul punto (visto che l'art. 572 c.p., aldilà di specifici interventi, nella descrizione della condotta risale al 1930), ha valutato positivamente che la violenza domestica, la cui definizione e descrizione non compare nel codice penale, sia intesa, in linea con le norme convenzionali ratificate, come l'insieme di comportamenti vessatori che, pur singolarmente considerati, possono anche non costituire reato, senza dunque richiedere la reiterazione di atti di violenza (tra le altre Cass. pen., sez. VI, 10 marzo 2016, n. 13422; Cass. pen., sez. VI, 8 ottobre 2013, n. 44700). Infatti, ciò che qualifica la condotta come*

*maltrattante, in una quadro di insieme e non parcellizzato della relazione tra autore e vittima, è che gli atti coercitivi, anche solo minacciati, operanti a diversi livelli (fisico, sessuale, psicologico o economico), siano volti a ledere la dignità della persona offesa, ad annientarne pensieri ed azioni indipendenti, a limitarne la sfera di libertà e autodeterminazione, anche rispetto a scelte minimali del vivere quotidiano, fino a ridurla ad essere, anche solo in parte, non più una persona, ma uno strumento di soddisfacimento di desideri e bisogni, di qualsiasi natura, del maltrattante.*

*Quanto all'elemento soggettivo, per ritenere integrato il dolo non è necessario comprovare la volontà di programmare una pluralità di atti idonei a cagionare sofferenze fisiche o morali, ma basta la consapevolezza dell'agente di persistere in un'attività vessatoria idonea a ledere la personalità della vittima e la sua dignità (Cass. pen., sez. I, 28 gennaio 2020, n. 13013; Cass. pen., sez. VI, 4 luglio 2019, n. 12196; Cass. pen., sez. VI, 19 marzo 2014, n. 15146). Il dolo, nel delitto in esame, non è provato dal livello di prostrazione procurato in chi subisce la condotta, anche perché questo cambia a*

*seconda della sua personalità oltre che del tipo o del tempo del maltrattamento subito. Ciò che, invece, costituisce oggetto dell'accertamento circa la sussistenza dell'elemento soggettivo del reato è la volontà dell'autore di piegare e sottomettere la persona offesa, negandole libertà e dignità, affermando la propria posizione di incontrastato dominio proprio attraverso le condotte maltrattanti; cosicché l'eventuale condotta della vittima, reattiva o passiva, diventa del tutto irrilevante ed utile, al più, a fini descrittivi o sintomatici."*[1]

Illi ghalhekk u anke mill-qari tal-messaggi mibghuta mill-imputata ma johrog xi komportament imkombenti u pressanti kontra l-parte civile sabiex tnaqqasslu d-dinjità tieghu jew li timmaltrattah. Inoltre mix-xhieda tal-istess parte civile l-animu li hareg minnu kien ta' fastidju kbir ghal tali agir tal-imputata u bl-ebda mod ma ta l-impressjoni li kien bata jew qed ibati minn xi vjolenza psikologika tant li effettwatlu l-istil ta' hajja tieghu jew li kellu bzonn jikkonsulta xi psikologu minhabba tali

[1] **Nei maltrattamenti in famiglia la violenza psicologica o economica rileva al pari di quella fisica** – Valerio de Gioia (19/05/2022)

vjolenza morali. Ghaldaqstant anke din l-akkuza ma tistax treggi.

**<u>Reat ta' fastidju</u>**

In propositu tat-tielet akkuza fil-konfront tal-imputata u cioè r-reat ta' *harassment*, intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

> "*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and* ***'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct****' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ).*"

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C tal-Kapitolu 9 li tghid li referenzi ghall-ghoti ta' fastidju

lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("*alarming the person or causing the person distress*" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra ghat-terminu generiku ta' fastidju jew "harassment".

Blackstone f'dan ir-rigward, jghid hekk:-

> *"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation,***

> ***annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.****"* [emfasi tal-Qorti]

F'sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs James Demanuele</u>** deciza fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

> *"... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar- retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza fil-21/06/2007 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez</u>**:-

> *".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn **agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien**." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal- parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Raymond Parnis</u>** qalet hekk in propositu:-

> *"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal- gudikant."*

Illi ghal darb'ohra mill-messaggi esebiti in atti u li l-kontenut taghhom ma giex ikkontestat mid-difiza hargu numru kbir ta' messaggi senjatament sebgha u tletin (37) messagg; ghalkemm f'perjodu qasir ta' zmien; liema messaggi jvarjaw bejn messaggi ta' tghajjir lejn il-parte civile u l-familja tieghu u messaggi ohra li ma jaghmlux sens. Imbaghad hemm il-messaggi fejn l-imputata talbet lill-parte civile ghall-kustodja tat-tifla biex ma thallix lill-parte civile imur il-habs.

Illi hareg car ukoll minn wiehed mill-messaggi tal-parte civile lejn l-imputata li kien uriha b'mod car illi dan kien qed jigi mdejjaq u vvessat b'dawn il-messaggi taghha tant li huwa mblukkaha izda jghid li ma setax jimblukkaha milli tibghatlu emails.

Illi dan l-agir persistenti da parti tal-imputata kellu ghan wiehed, dak li ddejjaq lill-parte civile u tezasperah biex forsi jiddejjaq u jaghtiha t-tifla. Wara kollox anke l-avukat taghha fis-sottomissjonijiet iddikjara illi dan kien agir kostanti tal-imputata li tibghat hafna messaggi imma altru tibghat messagg kordjali u altru tibghat numru kbir ta' messaggi kif baghtet hi lill-parte civile.

Illi konsegwenza ta' dawn il-messaggi il-parte civile rraporta l-ghassa ta' San Giljan permezz ta' rapport Ref. No. 6A/N/1579/2019 u Ref No. 6A/N/2435/2019.

Illi ghal dawn il-motivi thoss illi din l-akkuza giet ampjament ippruvata.

**Piena**

Rigward piena din il-Qorti thoss illi gialadarba ma tqis lill-imputata bhala persuna perikoluza u stante li hi u l-parte civile ghandhom wild bejniethom, tali piena ghandha tkun aktar wahda riformattiva milli punittiva. Illi l-prosekuzzjoni talbet illi dan il-kaz jitqies bhala wiehed ta' vjolenza domestika ai termini tal-Artikolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta izda din il-Qorti ma taqbilx li ghandu jigi applikat primarjament peress li ma hijiex ser tinstab htija fuq l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u dan ukoll ghaliex it-terminu ta' 'vjolenza domestika' fl-Att 581 ma jinkludix akkuzi ta' fastidju.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Michelle Cassar hatja tat-tielet (3) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta' Malta tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena (1) liema Ordni ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza, filwaqt li tilliberaha mill-akkuzi wiehed (1) u tnejn (2) fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**